**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 54

It-Tlieta 22 ta' Novembru,2016

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonnici, fil-5:00PM ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Dr. Marc Sant – Kap tal-Minoranza
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Kunsilliera
Is-Sinjur Massimo Scerri - Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresjedat l-laqgħa.

## 54.1 Introduzzjoni

54.6.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.10p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku fejn stiednet lill-kunsilliera biex jagħmlu l-korrezjonijiet tagħhom għall-minuti nr 53 bid-data ta' 18 t' Ottubru 2016.

54.6.2 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri, minuti nr 53 ġew approvati unanimament.

## 54.2 Punti mqajma mill-minuti

54.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq punti 2.1 sa 2.6 tal-minuti rigward il-proġett tal-Housing Estate. Hija staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi fuq dan il-proġett.

54.2.2 Peress li ma kienx hemm hija qalet li għandu jsir kuntatt ma l-awtoritajiet konċernati biex nindagaw fl-liema stadju wasal dan il-proġett.

54.2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet ukoll fuq punti 2.7 sa 2.18 fuq il-librerija ta' l-iskola.

54.2.4 Hija tkellmet mas-sur Marmara tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan u huwa nfurmha li għalissa mhux ser tinfetaħ il-librerija peress li għad qed isir refurbishing. Huwa qal li ma jsib l-ebda oġġezjoni biex Ħal Lija u Ħal Balzan jkollhom librerija waħda. Pero s-sindku ta' Ħal Balzan jixtieq li l-kunsill jagħmel kuntatt dirett miegħu permezz ta' email u f'din l-email jagħmel cc lil kunsill lokali ta' Ħal Balzan.

54.2.5 Is-Sur Marmara qal li din tista' tkun ta' skumdita għar-residenti ta' Ħal Lija peress li jkunu jridu jmorru Ħal Balzan. Pero s-sinjorina Farrugia qalet li fil-passat dejjem ġew milqugħin in-nies ta' Ħal Lija ġo Ħal Balzan.

54.2.6 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq 2.37 tal-minuti fejn kienet għamlet request biex il-warden imur fi Triq il-Kunċizzjoni fis-6.30a.m.

54.2.7 Għalkemm il-warden meta mar '*on site*' ma sab xejn, dan għandu jmur ikompli jissorvelja iktar spiss.

54.2.8 Il-Minority leader Dr. Marc Sant wasal f'ufficcju tal-kunsill fil-5.30p.m.

54.2.9 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ilmentat bil-ħmieġ tal-klieb li hawn kull imkien f'Ħal Lija.

54.2.10 Il-Minority leader Dr. Marc Sant issuġġerixxa li għandha ssir laqgħa mal-LESA.

## 54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku – VIP List

54.3.1 Saret request mingħand is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi, biex issir bozza fid-daħla Karlu Darmanin.

54.3.2 Il-Kunsill qabel li għandha ssir request lil Enemalta biex issir bozza ġdida. Għandna nagħtu r-reference number lil minority leader Dr. Sant biex ikun jista' jmexxi l-quddiem din ir-request.

54.3.3 Għandha ssir *follow up* ma' l-Enemalta ta' dawk il-bozoz li kien sar request fuqhom imma ma ġewx approvati.

54.3.4 Is-Sindku, s-sinjura Magda Magri Naudi tkellmet ukoll fuq bozza li hija nieqsa bil-pole b'kollox minn fuq iz-zuntier għax hemm dlam ċappa.

54.3.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq pole li huwa propost li jsir fi Triq Id-Dejqa biex jitwaħlu l-wires miegħu. B'dan il-pole ser tidjieq u ghalhekk ikun hemm ostaklu li anke ambulanza ssib diffikulta li todhol. Triq id-Dejqa u ser jitkisser il-contrete imprint li hemm ġdid.

54.3.6 Il-Kunsill ma qabilxli ghandhom isiru dawn ix-xogholijiet.

54.3.7 Is-Segretarju għandha terġa titkellem ma' l-Enemalta biex qabel ma jsiru xi xogholijiet, dawn iridu jigu approvati mill-Kunsill.

54.3.8 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-kwotazjoni ta' l-Insurance tal-Kunsill, fejn ftit tal-ħin qabel ġiet aġġudikata din il-kwotazjoni minn uħud mill-kunsilliera. Tefgħu l-offerta tagħhom:
-MIB Ltd għal prezz ta' Eur1,767.55
-Island Insurance Brokers Ltd għal prezz ta' Eur2,171.27
Dawn iż-żewġ bidders kienu eliġibli u l-kunsill ikkonferma lil MIB għal sena. Il-kunsilliera ffirmaw il-final report.

54.3.9 Saret request mingħand residenta għal *tow zone* sign fi Triq Preziosi Sqaq no 2. Dan għaliex qed jkun hemm ħafna parking illegali u karozzi pparkjati ħazin li lanqas qed jħallu aċċess għal l-isqaq.

54.3.10 Il-kunsill iddiskuta dan ir-request u ġie deċis li dan għandu jiġi diskuss waqt il-laqgħa li l-kunsill ser ikollu mat-TM nhar l-Erbgha 30 ta' Novembru 2016.

54.3.11 Is-Sindku, s-Sinjura Magda magri, resqet fuq il-mejda tal-kunsill lista ta'residenti li ma jridux li jsiru d-diagonal lines f'Ta Senna.

54.3.12 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia resqet ilment li meta ir-residenti jkunu ser joħorġu minn Triq Agostino Portelli għal ġo Mosta Road qed isibuha diffiċli biex joħorġu għalhekk qed jitolbu li ssir grid box fit-tarf tat-triq.

54.3.13 Il-Minority leader Dr. Marc Sant qal li qed isir studju biex f'NaxxarRoad fuq in-naha ta' l-Iklin jaraw jekk tistax tizdied lane ohra. B'hekk ikun hemm zewg lanes sejrin lejn in-Naxxar u zewg lanes ohra gejjin minn-Naxxar.

54.3.14 Il-Kunsill qabel li għandhom isiru traffic lights. Din għandha tiġi diskussa mat-TM fil-laqgħa li ser issir nhar it-30 ta' Novembru 2016. Għandhom ukoll jiġu diskussi l-lights ta' ħdejn iċ-ċimitrju u anke ta' Transfiguration Avenue.

54.3.15 Is-Sindku nfurmat li Mr. Michael Cohen informa lil Kunsill mill-bieraħ għal lum li kien ġej fuq il-problema ta' Alley 2 Preziosi street fis-

1.00p.m. u nfurmat ukoll li ġie kkonfermat meeting ieħor miegħu fit-30 ta' Novembru, 2016 fi 1:00pm biex jiġu diskussi traffic plans għal traffic management.

54.3.16 Il-Kunsill iddiskuta x'ser jiġi diskuss f'din il-laqgħa tat-30 ta' Novembru 2016.

54.3.17 Il-Kunsill kompla jiddiskuti u s-sinjorina Stephanie Cutajar issuġerit li għandu jsir *timer* għar-residenti biss li jkunu jistgħu jgħaddu *one way* minn Conception street bħal per eżempju mis-7.30a.m. u 9.00a.m.

54.3.18 Suġġeriment li ħafna mir-residenti jaqblu fuqu huwa li Triq Annibale Preca ssir one way imma biex isir hekk trid issir one way triq oħra.

54.3.19 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi ssuġġerit li għandhom isiru *sensor lights* u anke *operational lights* minn naħa ta' Three villages u l-Micropropogation Centre. Għandha ssir pjanta mill-google maps u jittieħdu ritratti ta' din l-area. Għandha tinġieb ukoll kwotazjoni fuq dawn it-traffic lights, l-ewwel mingħand il-kuntrattur u anke jinġiebu kwotazjonijiet oħra mingħand suppliers oħra.

54.3.20 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġġerit li għandhom isiru traffic lights minn Triq Annibale Preca u l-karozzi ma jidħlux minn ġol-village core iżda jgħaddu mal-ġenb.

54.3.21 Ġie deċis li għandu jsir pjan ta' l-area ta' Triq Annibale Preca, Triq il-Kunċizzjoni u Triq St. Andrija.

54.3.22 Waslet request mingħand resident biex issir sleeping police fi Triq tal-Mirakli fejn dik ir-roundabout li kellha l-flaps. Dan għaliex residenti li joqgħodu hemm jixtiequ jaqbdu lil min qed jgħaddi *gas down* mit-triq apposta. Dan għaliex qed jipperikola l-ħajja tagħhom u faċli jtajru lil xi ħadd.

54.3.23 Wara li ġiet diskussa din il-problema ġie deċis li għandna nistaqsu lir-resident jekk jaqbilx li ssir sleeping policeman quddiem ir-residenza tiegħu u anke nistaqsu lir-resident ta' faċċata jekk jaqbilx u wara l-kunsill jerġa jitkellem fuqha.

54.3.24 Resident li joqgħod Spring Glory fi Trejqa Kjeriku Ġakbu Abela qed jitlob biex jitwaħlu mirja faċċatta tad-dar tiegħu mal-ħajt tas-sejjieħ biex ikun jista' joħroġ mid-dar mingħajr periklu. Dan għaliex il-karozzi jgħaddu jiġru minn din it-triq. Jixtieq wkoll li din it-triq issir one way.

54.3.25 Il-Kunsill approva li ssir din il-mera u għandha tintbgħat lit-TM għall-approvazjoni.

54.3.26 Is-Segretarju nfurmat lil kunsill li l-iskrivana part time is-Sinjura Audrey Pace spiċċat il-probationery period u għalhekk il-kunsill irid jikkonfermha wara li spiċċat il-probation.

54.3.27 Is-Segretarju nfurmat li f'Jannar terġa tiġi l-iskrivana l-oħra u peress li din ser tkun qed taħdem bir-reduced hours hemm il-bżonn tal-part timer għal wara nofs in-nhar u anke biex tidħol is-sibtijiet ukoll.

54.3.28 Il-Minority leader, Dr. Marc Sant issuġġerixxa li l-hidma tas-sinjorina Pamela Borg tkun iktar iffukata fuq progetti tal-EU u applikazzjonijiet

ghall attivitajiet ohra ghax jemmem li ghandha l-kapacitajiet biex tiehu hsieb dawn u l-kunsill ikun jista' jibbenefika iktar minn dawn il-fondi.

54.3.29 Is-Segretarju qalet li dawn xorta waħda jistgħu jsiru u ma jkunx hemm bżonn ta' xi ħadd direttament fuqhom.

54.3.30 Il-Kunsill approva din il-kariga tas-sinjura Audrey Pace.

54.3.31 Is-Segretarju nfurmat li hija tat l-uniformi tagħha lis-sinjura Audrey Pace biex tara x'tista tieħu minna, il-kumplament jinxtara ġdid.

54.3.32 Peress li din is-sena iż-żewġ skrivani ma setgħux jieħdu l-leave kollu minħabba il-volum tax-xoghol specjalment fis-sajf kif ukoll konna short staffed, il-kunsill irid japprova s-siegħat tal-leave biex jiġu brought forward għas-sena d-dieħla.

54.3.33 Il-Kunsill approva is-sieghat tal-leave li fadlilhom ghal din is-sena, tas-Sinjorina Pamela Borg u s-Sinjura Audrey Pace biex jitella ghas-sena d-diehla.

54.3.34 Is-Segretarju nfurmat li l-leave tagħha bhala Segretarju Ezekuttiv biex jitella' għas-sena d-dieħla ġie approvat mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali.

54.3.35 Residenta ċemplet biex tinforma lil Kunsill Lokali li fuq link tal-internet ta' xi gazzett kien hemm li modifikaw il-permess tal- Windmill Cottage. Tixtieq li l-kunsill jitkixxef biex ikun jaf jekk mhux se titwaqqa l-Windmill Cottage jew mhux se tibqa wara l-modifikazjoni tal-permess.

54.3.36 Il-Kunsill ikkonferma li l-Windmill cottage mhux ser taqa'.

54.3.37 Ghalliem mill-University Residence qed jitlob biex hu u erbgħa ghalliema oħra jingħataw permess bit-timbru tal-kunsill li filgħodu għal 8:15/8:30 jkunu jistgħu jidħlu ġod-daħla tal-University Residence waqt il-ħin ta' l-iskola u ma jwaqafhomx il-warden. Qed jitlob tip ta' pass biex juruh lil warden li huma mpjegati tal-University Residence ħalli jkunu jistgħu jgħaddu.

54.3.38 Il-Kunsill approva din ir-request.

54.3.39 Waslet request mingħand residenta biex jsiru lines tal-parking Triq il-Mithna. Irid jiġi ndagat minn fejn qed tiġi rikjesta biex isiru dawn il-lines, jekk mhux mil-Knisja tal-Mirakli sa' Triq Il-Kunċizzjoni.

54.3.40 Is-Sindku qalet li fi Triq il-Mithna nistgħu nitkellmu mat-tifel tar-resident għax hemm cactus enormi u qed toħroġ f'nofs it-triq.

54.3.41 Din trid tinżabar għax qiegħda perikoluża ħafna.

## 54.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

54.4.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia resqet ilment bil-ħofor kbar li hemm fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela u l-area Ta' Sejduna bil-ħajt tas-sejjieħ fuq kull naħa tat-triq.

54.4.2 Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u ġie deċis li jissejjaħ il-perit biex jagħtina stima ta' dan il-patching.

54.4.3 Is-Segretarju staqsiet lil kunsill li jrid ikollna kuntrattur biex jagħmel dawn ix-xogħolijiet ta' patching.

54.4.4 Il-Kunsill qabel li għandu jinqabad kuntrattur għal kull biċċa xogħol sakemm il-prezz ma jkunx daqshekk għoli li trid tinħareġ tender.

54.4.5 Għandna nistaqsu lil perit li peress din it-triq jgħaddu ħafna nġenji kbar minnha, tkunx tista' ssir bil-concrete u kemm tigina.

54.4.6 Is-Segretarju staqsiet lil kunsill jekk hemmx priorities oħra bħala patching fir-raħal, u fost dawn hemm żgur Saviour street, Fernand Gregh street u anke Conception street.

54.4.7 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li Ħal Mann qed tidjieq it-triq. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia spjegat eżatt x'qed isir. Irid jiġi ċċekjat dan.

54.4.8 Il-Minority leader Dr. Marc Sant informa lil kunsill li d-deadline għall-Cultural Tours hija l- 31 ta' Jannar 2017 biex jekk il-kunsill huwa nteressat għandha tinżamm laqgħa.

54.4.9 Il-kunsilliera għandhom jaqraw il-korrispondenza li rċevejna biex naraw din l-attivita' x'tinvolvi, tiġi organizzata laqgħa u l-kunsilliera min ikun jista' iressaq xi suġġerimenti.

54.4.10 Il-Minority leader Dr. Marc Sant informa lil kunsill li kienet għamlet kuntatt miegħu l-avukat tad-Dipartiment Dr. Mariella Silvio u staqsiet minn fejn kien ġab il-working tal-Bye-Laws. Huwa ser jiċċekja u jgħaddilha l-informazjoni.

54.4.11 Is-Sindku, is-sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li s'issa għadna ma rċevejna xejn fuq Cultural Activities.

54.4.12 Is-Sindku nfurmat li ma ħadniex il-fondi kollha, għax meta konna nimlew il-formola kien ikun kmieni wisq biex tkun taf eżatt min ser ikun ser jagħmel l-attivita, jew x'affarijiet ikollok bżonn eżatt. Il-fondi li ħadna kienu ta' madwar €700 minn €2000.

54.4.13 Is-Sindku, qalet ukoll li kien hemm min ħa l-fondi qabel ma saret l-attivita. Hija qed tipprotesta fuq dan u qalet li jekk ma joħorġux fondi, is-sena d-dieħla l-Festival taċ-ċitru ma jsirx.

54.4.14 Jekk isir il-Festival taċ-ċitru jsir f'tal-Mirakl bħal ta' din is-sena. Irridu nibdew niġbru l-kwotazjonijiet fuq x'sar is-sena l-oħra biex jekk dan il-Festival isir ma nħallux għal aħħar.

54.4.15 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar infurmat lil kunsill li l-ġurnata ta' qabel kellha l-aħħar laqgħa tal-Majjistral Action Group u ngħatat rapport draft tal-laqgħa ġenerali.

54.4.16 Hija qed tgħid li ħal Lija m'għadix rural area għaldaqstant nqalgħet il-barra.

54.4.17 Hija kompliet tgħid li l-esperti għamlu studju ta' SWOT analysis.

54.4.18 Is-Sindku nfurmat lil kunsill li 2nd Default notice għal-Waste Collection ħarġet u nfurmat li l-kuntrattur tal-ġonna mhux qed jagħti performance tajba anke l-kuntrattur tal-knis.

54.4.19 Għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur tal-ġnien u l-kuntrattur tal-knis biex nitkelmu magħhom.

54.4.20 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkelmet fuq il-ħmieġ tal-klieb u qalet li hemm bżonn li l-green wardens jiġu ġo Ħal Lija.

54.4.21 Is-Segretarju nfurmat li kienet marret laqgħa għand il-LESA biex jinbeda pilot project tal-green wardens imma s'issa jidher li s'issa għadu ma inbedix.
54.4.22 Il-Minority leader Dr. Marc Sant tkellem fuq l-uffiċċini tal-Kunsill u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi ġodda.
54.4.23 Is-Sindku qalet li meta għamlet *find out* fuq l-*container offices* u dawn jiġu expensive ħafna peress li trid tordna *in bulk* biex ma jkunux daqshekk għoljin.
54.4.24 Is-Sindku qalet li kienet semmiet ukoll biex jinbena l-uffiċċju fuq il-Boċċi Club pero l-kunsill rah diffikultatjiet biex isir dan.
54.4.25 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li l-Armier Container Apartments kellu containers għal bejgħ. Irid jiġi ċċekkjat il-camp site ta' l-Armier fuq dan.
54.4.26 Ġie deċis li Dr. Marc Sant xorta għandu jaħdem fuq Expression of Interest għal binja tal-kunsill.
54.4.27 Is-Sinjoirna Stephanie Cutajar staqsiet jekk ġewx il-Blood Donation Unit. Għandna nistaqsu meta dawn ser jiġu Ħal Lija.
54.4.28 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li għandna nesiġu mal-Waste Collection biex l-area ta' Ħal Mann il-garbage jinġabar regolarment.
54.4.29 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar reġgħet semmiet il-problema Tal-Villaġġ għax għadhu qed joħroġ stools u mwejjed.
54.4.30 It-TM approvaw li ghandha titwessa il-bankina b'kurduna. Il-kunsill irid jiddeciedi fuq din.
54.4.31 Il-Minority leader Dr. Marc Sant informa lill-Kunsill li Dr. Maria Attard rebħet €5000 fuq il-proposal li kienet għamlet fuq traffic management f'Ħal Lija.
54.4.32 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant informa lil kunsill li l-avukat tad-Dipartiment Dr. Mariella Silvio staqsietu jekk il-bye-laws kienx ħadimhom minn fuq xi bye-laws oħra.
54.4.33 Huwa għandu jiċċekja u jgħatiha risposta.
54.4.34 Is-Segretarju nfurmat li kien hemm il-laqgħa tad-Direttur u Hon Stefan Buontempo fejn tkelmu kemm il-finanzi tal-kunsill għandhom jintnefqu bil-għaqal u li Ħal Lija ser jigwadanja 9% iktar fl-allokkazjoni s-sena id-dieħla 2017.
54.4.35 Is-Segretarju nfurmat li tkellimna mad-Direttur peress li għandna ittra minn għandhu li l-Kunsill ma jista' jagħmel xejn qabel ma jinħeles id-dejn.
54.4.36 Id-direttur qal li rridu nagħmlu formola biex jinħeles id-dejn filwaqt li l-kunsill ikun jista jagħmel xi affarijiet żgħar.

## 54.5 Rapporti

55.5.1 Rapporti ma kienx hemm

## 54.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

54.6.1 Is-Segretarju nfurmat lil kunsill li x-xogħol fuq il-bankijiet issa mexa ġmielu. L-injam kollhu twaħħal u nbeda ż-żebgħa fuqhom ukoll.
54.6.2 Il-Minoirty leader staqsa fuq il-mera ta' triq Ramiro Barbaro.
54.6.3 Is-Segretarju nfurmat li kien hemm problema fejn ser titwaħħal din il-mera peress li l-ideali titwaħħal mal-ħajt ta' faċċata li huwa ħajt ta' residenza.
54.6.4 Ser nippruvaw li din il-mera titwaħħal mal-ħajt tal-garaxx stess.
54.6.5 Is-sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet u l-kunsill qabel li għandha tinkiteb ittra lit-tifla tar-residenza ta' Leo Vassallo Cesareo biex dawk il-konok li hemm quddiem il-bieb fi Triq il-Kbira jitneħħew
54.6.6 Is-Segretarju tkelmet fuq il-cats eyes li kellhom jitwaħħlu. Hija qalet li s-sitt cats eye li qlajna m'għadhomx tajbin għax ma jixgħelux. Il-Kunsill qabel li jinxtraw ġodda u jitwaħlu mil-kuntrattur.
54.6.7 Is-Sindku, s-sinjura Magda Magri Naudi resqet ilment li f'Ta' Senna n-naħa tal-lemin qed jintrama l-ħmieġ u radam.
54.6.8 Is-Segretarju nfurmat li dawk huwa ta' xi ħadd privat għalhekk irid jiġi ndagat ta' min hi din l-għalqa.
54.6.9 Dan l-ilment għandu jintbagħat lill-Pulizija.

## 54.7 Attivitajiet – Milied 2016

54.7.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq l-attivita' ta' Father Christmas.
54.7.2 Ġie deċis li nerġgħu nikru ż-żiemel bil-karozzella. Għandu jiġi ċċekjat il-prezz tal-karozzella u jekk huwa l-istess niċċarġaw l-istess bħas-sena l-oħra dak ta' €3.00 kull rigal.
54.7.3 Ser jintuża l-vann tal-kunsill biex jitqasmu r-rigali.
54.7.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ser tinvolvi ruħa biex issuq il-vann tal-Kunsill wara l-carriage ta' Father Christmas.
54.7.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia semmiet problema li nqagħlet is-sena l-oħra fejn xi parents dak il-ħin stess li kien hemm il-carriage ta' Father Christmas bdew jitfgħu r-rigali biex jiqasmu minn Father Christmas.
54.7.6 Biex ma jerġax jiġri l-istess ġie deċis li min ikun qed isuq il-van jagħti r-rigali lil Father Christmas biex dawk ir-rigali jitqasmu biss u mhux oħrajn.
54.7.7 Iridu jittellgħu flyers fil-Facebook u jitwaħlu fil ħwienet u clubs għal din l-attivita' li ġie deċis li ssir nhar il-Gimgha 23 ta' Diċembru 2016 fl-4.00p.m.
54.7.8 Ma' din l-attivita' ser tigi organizzata l-attivita għat-tfal ta' Cinema.
54.7.9 Kien hemm diskusjoni fuq din l-attivita u ġie deċis li nikru minibus u anke niċċekjaw ma' cinema tal-Fgura kemm jieħdu għal-packages bil-*popcorn u small soft drink* u kemm hu l-mimimum ta' parteċipanti. Id-data prevista għal din l-attivita' hija t-Tlieta 27 ta' Diċembru 2016.

54.7.10 Is-Segretarju tkelmet fuq il-Christmas decorations li ser jarmaw il-Kumitat Festi Esterni fejn il-Kunsill għażel it-tieni kwotazjoni li kienu bagħtu huma għall-ammont ta' €600 (mingħajr il-High-Up) fejn ser tiġi armata l-Pjazza u Transfiguration Avenue.

54.7.11 Hija qalet li kif kien ġie deċis intbagħtet ittra lill-ħwienet biex jipparteċipaw f'dan it-tiżjin u rċevejna €50 mingħand tat-Torri Confectionery u għandha tagħti €50 Euros St. Michael Pharmacy.

54.7.12 Ġie deċis mill-Kunsill li t-Torri Belvedere jinxtgħel bil-kuluri għal żmien il-Milied.

## 54.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash

54.8.1 Is-Segretarju nfurmat li  fid-9 ta' Novembru 2016 irċevjana l-ammont ta' €1309.63 mingħand ir-Reġjun Ċentru

54.8.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant informa lill-kunsill li l-LESA ser iqasmu l-fondi tagħhom f'Jannar 2017.

54.8.3 Is-Segretarju nfurmat lil Kunsill li x-xogħolijiet fil-ġnien għandhom jibdew ma jdumux.

54.8.4 Il-Minority leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-pagament tal-Patching ta' l-Ells Ltd.

54.8.5 Is-Segretarju nfurmat li dan kien tal-Patching li sar ħdejn in-Nestle f'Ħal Mann u dan ġie approvat biex jitħallas mir-Reġjun Ċentru.

54.8.6 Il-Minoirty Leader, Dr. Marc Sant staqsa jekk il-bank Deposits bl-ammont ta' €4756.77 kinux ġew depożitati matul dan ix-xahar. Is-Segretarju kkonfermat li dan l-ammont ġie depożitat  bejn l-aħħar laqgħa dik tat-18 t'Ottubru 2016 u it-22 ta' Novembru 2016.

54.8.7 Il-Minoirty Leader Dr. Marc Sant staqsa għaliex qegħdin lura fil-pagamenti tal-Waste Serv.

54.8.8 Is-Segretarju nfurmat li l-accountant kienet waqfitna milli nħalsu peress li kien hemm xi problema imma ssa qaltilna biex nerġġżu nibdew inħalsu filwaqt li qed nistennew li ssir laqgħa magħhom biex niddiskutu din il-problema.

54.8.9 Is-segretarju resqet fuq il-mejda tal-kunsill l-iskeda tal-pagamenti ghal dan ix-xahar

54.8.10 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.

54.8.11 Fuq proposta tas-sur Massimo Scerri sekondat mis-sinjorina Stephanie Cutajar il-pagamenti ġew approvati unanimament.  Is-Segretarju nfurmat li ħlas fuq il-petty cash ma sar xejn matul dan ix-xahar.

## 54.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

54.9.1 Il-laqgħa intemmet fi 19:50 hrs u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 20 ta'Diċembru 2016 fi 5:00PM.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Magda Magri Naudi<br>Sindku | Georgette Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |